MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1309/1997/1

**Paul Muscat u martu Victoria Muscat ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Justin Muscat.**

**vs.**

**Emmanuel Galea u b'digriet tal-25 ta' Gunju 1998, l-Avukat Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in-rapprezentanza tad-Ditta Assikuratrici Gasan Insurance Agency Limited u dan in rapprezentanza tas-socjeta` estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation Plc gie awtorizzat li jintervjeni f'din il-kawza *'in statu et terminis',* u b'nota datata 29 ta' Jannar 2001 s-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici estera CGU Insurance Plc assumiet l-atti tal-kawza flok l-intervenut fil-kawza l-Avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in-rapprezentanza tad-Ditta Assikuratrici Gasan Insurance Agency Limited u dan in rapprezentanza tas-socjeta` estera**

**General Accident Fire and Life Assurance Corporation Plc.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Gunju 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-3 ta' Lulju 1995 f'incident stradali li sehh Zebbiegh Road, Mgarr il-vettura truck tad-ditta 'Leyland' li ggib in-numru S-3638 misjuqa mill-konvenut Emmanuel Galea tajret lil minuri Justin Muscat waqt li dan kien qieghed jaqsam it-triq Zebbiegh Road;

Illi s-sewwieq Emmanuel Galea huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba f'traskuragni, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u mprudenza fis-sewqan;

Illi l-minuri Justin Muscat garrab griehi ta' natura gravi hafna waqt dan l-incident;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lil Emmanuel Galea unikament responsabbli ghad-danni kagunati lil Justin Muscat fl-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Lulju 1995 f'Zebbiegh Road, Mgarr.

Bl-ispejjez u b'riserva ghat-talba tal-likwidazzjoni tad-danni u l-hlas taghhom u bl-imghax inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru 1996 u ta' Frar 1997 il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti kif jidher a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata fl-24 ta’ Marzu 1998 minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-smiegh tas-seduta tat-12 ta’ Mejju 1998.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-12 ta’ Mejju 1998 (fol 11) fejn dehret id-difensur ta’ l-atturi. Il-kawza giet differita ghal-21 ta’ Ottubru 1998 ghan-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali.

Rat li l-konvenut baqa’ ma giex notifikat bin-notifika tac-citazzjoni wara l-hinijiet legali minkejja zewg tentattivi li saru fil-11 u fit-23 ta’ Gunju 1998 kif jidher *a tergo* ta’ fol 12.

Rat ir-rikors ta’ Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta assikuratrici Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plcipprezentat fit-22 ta’ Gunju 1998 a fol 13 fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizza lill-istess esponent illi jintervjeni f’din il-kawza *“in statu et terminis’* u li jkun jista’ jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha tal-25 ta’ Gunju 1998.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-intervenut fil-kawza Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta assikuratrici Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc datata 20 ta’ Lulju 1998 a fol 16 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenut, Emmanuel Galea ma kien b’ebda mod responsabbli ghall-incident tat-traffriku li fih korra iben l-atturi, Justin Muscat, u dan billi dan it-tifel hariglu minn wara van u qasam it-triq minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi *stante* li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenut, Emmanuel Galea it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta assikuratrici Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc a fol 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 1998 a fol 18 tal-process fejn prezenti kien hemm Dr.Jean Pia Mifsud Bonnici. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Frar 1999 ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenut Galea wara l-hinijiet legali.

Rat li l-konvenut rega' ma giex notifikat minkejja zewg tentattivi ohra fid-19 ta' Novembru u fit-2 ta' Dicembru 1998 fejn ma fetah hadd u dan kif jidher *a tergo* ta' fol 19.

Rat il-verbali tat-3 ta' Frar 1999 u tat-12 ta' Mejju 1999 (fol 21) fejn deher l-attur assistit li talab li tigi addodata n-notifika *ai termini* ta' l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghan-notifika tal-konvenut Galea. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 1999 ghan-notifika; tal-20 ta' Ottubru 1999 (fol 22) fejn deher biss l-attur Paul Muscat. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenut Galea u fin-nuqqas tal-pubblikazzjoni skond digriet tat-12 ta' Mejju 1999 il-kawza tigi kancellata. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Jannar 2000; u tat-12 ta' Jannar 2000 (fol. 23) fejn deher Dr. Louis Bianchi ghall-konvenut. Peress li *nonostante* l-verbal tal-20 ta' Ottubru 1999 deher li ma sar xejn mill-atturi l-kawza marret *sine die.*

Rat ir-rikors ta' l-atturi pprezentat fit-13 ta' Jannar 2000 (fol 23ª) fejn talbu lill-Qorti joghgobha terga' tirriappunta din il-kawza ghas-smiegh fuq il-lista taghha. Il-Qorti, fid-digriet taghha tal-14 ta' Jannar 2000, laqghet it-talba u

irriappuntat din il-kawza ghas-smiegh ghat-8 ta' Marzu 2000.

Rat l-avviz migjub fil-Gazetta tal-Gvern mahruga fil-21 ta' Jannar 2000 a fol 26 tal-process.

Rat il-verbal tat-8 ta' Marzu 2000 (fol 27) fejn deher Dr.Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza. Peress li kienet ghad trid issir in-notifika relattivia tal-konvenut il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-14 ta' Mejju 2000 ghal dan l-iskop u fil-kaz tigi kancellata.

Rat in-nota ta' l-atturi datata 4 ta' Mejju 2000 a fol 28 li biha ipprezentaw pagna ta' Gazetta lokali li fiha deher l-avviz ta' din il-kawza tali avviz datat 2 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tal-4 ta' Mejju 2000 (fol 30) fejn deher Dr.Noel Camilleri ghall-atturi fejn pprezenta kopja ta' estratt tal-gazzetta lokali. Peress li ghadu ghaddej it-terminu ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet il-kawza giet differita ghall-31 ta' Mejju 2000; tal-31 ta' Mejju 2000 fejn dehret Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici ghall-atturi. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha attrici bil-fakolta` li jsiru bil-procedura ta' l-affidavit ghat-28 ta' Gunju 2000. Aktar tard deher Dr.Camilleri.

Rat l-Ordni tal-Qorti tat-28 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghat-12 ta' Lulju 2000 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fir-Registru Superjuri nhar it-23 ta' Gunju 2000 a fol 40 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizzah jipprezenta in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta kif jidher moghti fis-26 ta' Gunju 2000 a fol 42 tal-process.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2000 (fol 44) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr.Noel Camilleri ghall-atturi u Dr. Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza ddikjaraw fl-istess seduta li ma jopponux li l-konvenut kellu jigi awtorizzat jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu. Kien ghalhekk ukoll li giet

moghtija decizjoni u provvediment fejn l-Qorti *in vista* tal-istess u tal-fatt li l-affissjoni relattiva saret biss fit-8 ta' Gunju 2000 u r-rikors tal-konvenut sar fit-23 ta' Gunju 2000, cioe` lanqas ghoxrin (20) jum minn tali data, l-Qorti ddecidiet li l-konvenut setgha jipprezenta l-eccezzjoni b'mod li jista' jinghad li effettivament iggustifika l-kontumacja tieghu, ghalkemm proceduralment inkorrett ghax flok l-istess rikors messu pprezenta l-eccezzjonijiet ghaliex kien ghadu fit-terminu li jaghmel dan u ghalhekk in vista ta' din d-decizjoni l-Qorti pprefeggiet terminu ta' ghoxrin (20) jum minn dak inhar stess sabiex il-konvenut jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Spejjez ta' din id-decizzjoni a karigu ta' l-istess konvenut. Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut iddikjarat l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fil-mertu. Id-difensuri qabblu li setghet tinstema' ix-xhieda mharka u xehdet **Dr.Maria Sciberras** prodotta mill-attur. Inghata digriet ta' l-affidavit lill-atturi sabiex sa zmien erbghin (40) gurnata jipprezentaw l-affidavits taghhom u tax-xhieda minnhom indikati, li jistghu isiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami, filwaqt li l-konvenut u l-intervenut fil-kawza gew moghtija zmien ta' erbghin (40) gurnata minn notifika kif fuq indikat ta' l-affidavits attrici u d-dokumenti minnhom esebiti sabiex jipprezentaw l-affidavits kollha taghhom bin-notifika jew visto tad-difensuri tal-kontro-parti jew id-difensuri taghhom u b'riserva ta' kontro-ezami lill-kontro-parti. Ix-xhud esebiet kopja ta' l-ittra datata 12 ta' Settembru 1996 mmarkata bhala Dok. "MS". Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Emmanuel Galeaipprezentata fis-19 ta' Lulju 2000 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* negligenza da parti tal-minuri Justin Muscat *qua pedone*, li naqas li josserva r-regoli bazici tal-*Highway Code*, meta dan qasam it-triq ghall-gharrieda minn wara l-mini-van li wasslu fit-triq fejn sehh l-incident.

2. Illi minghajr pregudizzju, l-konvenut kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu, u ma kienx qed isuq bi *speed* eccessiv jew b'mod traskurat u ghaldaqstant, qed jikkontesta r-responsabbilta` ghall-incident *de quo*.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' Emmanuel Galea annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 a fol 57 tal-process fejn dehru id-difensuri tal-partijiet li qablu li l-kawza tinghajjat qabel il-hin. Dr. Noel Camilleri talab differiment minhabba li bi zvista ma harrikx ix-xhieda. Dr. Graziella Bezzina ma opponietx u l-Qorti laqghet it-talba. Inghata digriet ta' l-affidavits lill-atturi sabiex sa zmien erbghin (40) gurnata jipprezentaw l-affidavits taghhom u tax-xhieda minnhom indikati, li jistghu isiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-24 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota ta' l-attur **Paul Muscat** datata 8 ta' Jannar 2001 a fol 63 li permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu, tal-mara tieghu **Victoria Muscat** u ta' **Angelo Camilleri;** b'riserva tal-kontro-parti tax-xhieda minghand l-konvenut.

Rat l-affidavits ta' l-imsemmija Paul Muscat, Victoria Muscat u Angelo Camilleri.

Rat ir-rikors ta' l-attur Paul Muscat datat 18 ta' Jannar 2001 (fol. 73) fejn talab lill-Qorti joghgobha tisma' lil Justin Muscat tard matul is-seduta, u jigi awtorizzat jharrek bhala xhieda tieghu lil Maurice Falzon, Vicky Vincenti u Joe Galea u li jinghata minghand l-konvenuti l-ismijiet u l-indirizz tax-xhieda elenkati minnhom. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intervenut fil-kawza pprezentata fid-29 ta' Jannar 2001 fejn laqgha t-talba limitatament ghall-

minuri u ghal Maurice Falzon, Vicky Vincenti u Joe Galea b'digriet moghti fis-7 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2001 a fol 76 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet inkluza Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut. Xehed is-Supretendent **Bartolomeo Mula** prodott mill-atturi u pprezenta wkoll okkorrenza ta' l-incident mmarkata bhala Dok. "BM1" a fol. 81 sa fol. 84 tal-process. Il-kawza giet differita ghan-notifika tar-rikors ta' l-atturi tat-18 ta' Jannar 2001 u ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet ghat-13 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tas-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta assikuratrici estera CGU Insurance Plc datata 29 ta' Jannar 2001 a fol. 86 tal-process li biha assumiet l-atti tal-kawza ta' l-intervenut *in statu et terminis* flok Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentenza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc. Il-Qorti ordnat li dan jigi rifless fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri fl-istess atti tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2001 a fol 97 tal-process fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi u Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut. Il-Qorti nnotat li t-tahrikiet tax-xhieda ghalkemm prezentata ma hargux. Il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghall-5 ta' Lulju 2001 b'dan li Dr. Noel Camilleri kellu jimpenja ruhu li jesebixxi l-inkjesta relattiva u l-Qorti ordnat ukoll li t-tahrikiet tax-xhieda ta' dak inhar stess kellhom jigu utilizzati ghad differiment li kien imiss; tal-5 ta' Lulju 2001 fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi prezenti u Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut prezenti u Dr. Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza. Xehdu **Joe Galea** prodott mill-attur u **Dr.Yana Micallef Stafrace,** l-espert legali li idderigiet l-inkjesta u ipprezentat kopja ta' l-istess inkjesta redatta minnha inkluz l-*process verbal* tal-Inkjesta Magisterjali konkluza mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli datat 2 ta' Marzu 1998 u dokumenti kollha relattivi mmarkati bhala Dok. "JM 1" minn fol. 101 sa fol. 153 tal-process u **Justin Muscat** prodott mill-atturi (fol 177). Id-difensur tal-

konvenuti obbligaw ruhhom li jghaddu lid-difensuri tal-atturi l-indirizz ta’ Emmanuel Caruana. Il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghall-4 ta’ Dicembru 2001; tal-4 ta’ Dicembru 2001; u tat-12 ta’ Frar 2002 fejn deher Dr. Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher ukoll Dr. Noel Camilleri ghall-atturi prezenti u Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut. Xehed il-**Perit Richard Aquilina**, **Joseph Zammit** u **Emmanuel Caruana** lkoll prodotti mill-atturi. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghall-24 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Camilleri tal-24 ta’ Mejju 2002 fejn dehru Dr. Noel Camilleri u Dr. Graziella Bezzina ghall-partijiet prezenti. Xehed **P.S. 964 Robert Scicluna** prodott mill-atturi. Il-Qorti, wara li ngab a konjizzjoni taghha illi fuq dan l-incident ittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut u li dawn kienu ghadhom pendenti u billi f’dawn il-proceduri gie esebit kopja tal-*process verbal* relattiv li ghalih huma hallsu bl-ircevuta numru 572 tal-5 ta’ Lulju 2001, izda huma nghataw biss fotokopja tar-ritratti, u billi ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri huma mehtiega kopja stampata tar-ritratti in kwistjoni u mhux fotokopja taghhom u difatti x-xhud P.S. 964 Robert Scicluna gie ngunt biex jipproduci l-istess ritratti u din il-haga ma sehhitx minhabba ordnijiet superjuri, l-istess Qorti hekk diversament presejeduta wara li rat ukoll l-**artikolu 518 tal-Kodici Civili** ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jhejji kopja stampata tar-ritratti mehudin in konnessjoni ma’ l-inkjesta li saret in konnessjoni ma’ l-incident li sehh fiz-Zebbiegh fit-3 ta’ Lulju 1995 u sabiex l-istess jigu esebiti fis-seduta li kien jmiss u jigu esebiti mill-istess P.S. 964 sabiex ikun jista’ jixhed fuqhom. Il-Qorti ordnat komunika ta’ dan id-digriet lill-Kummissarju tal-Pulizija u lil Avukat Generali. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Gunju 2002; tat-18 ta’ Gunju 2002 fejn xehed **P.S. 964 Robert Scicluna** u li pprezenta wkoll sett ta’ 25 ritratt dwar l-incident in kwistjoni. Dehru Dr. Graziella Bezzina u Dr.Louis Bianchi u Dr. Noel Camilleri

ghall-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Novembru 2002 ghall-kontinwazzjoni tal-provi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta' Novembru 2002 fejn deher l-attur Paul Muscat, Dr. Louis Bianchi u Dr. Angelo Farrugia. Xehed **Dr. Mario k/a Maurice Falzon** prodott mill-attur. Il-kawza giet differita ghat-8 ta' Jannar 2003 ghall-provi ta' l-attur. Sussegwentament dehret Dr. Christine Bondin ghall-atturi.

Rat ir-rikors ta' l-attur Paul Muscat *et nomine* datata s-6 ta' Jannar 2003 a fol 379 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tappunta gurnata u hin sabiex fil-prezenza taghha u ta' l-espert fotografiku u l-Perit Richard Aquilina u persuni ohra li jidhrilha mehtiega tordna li jsir access fuq is-sit fejn sar l-incident tat-traffiku li fih safa mtajjar il-minuri Justin Muscat.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta' Jannar 2003; u tas-17 ta' Jannar fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi u Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut. Il-Qorti laqghet it-talba ta' l-atturi ghar-rikors tas-6 ta' Jannar 2003 u iffissat d-data 7 ta' Frar 2003 biex isir l-access fiz-Zebbiegh a spejjez ta' l-atturi; tas-7 ta' Frar 2003 fejn l-access gie imhassar minhabba l-maltemp u gie differit ghall-21 ta' Frar 2003; tal-21 ta' Frar 2003 fejn meta issejjah l-access fi Triq iz-Zebbiegh l-Mgarr dehru l-atturi assistiti minn Dr. Noel Camilleri, Dr. Louis Bianchi, u Dr.Graziella Bezzina ghall-konvenut, u l-Perit Richard Aquilina u P.S. 964 Robert Scicluna. Waqt l-access xehed il-**Perit Richard Aquilina.** Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Marzu 2003; tal-25 ta' Marzu 2003 fejn dehru l-atturi assistiti minn Dr. Noel Camilleri u l-konvenut assistit minn Dr.Graziella Bezzina u Dr.Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza. Xehed **Emmaneul Galea.** Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi konvenut ghat-23 ta' Mejju 2003; tat-23 ta' Mejju 2003; tad-9 ta' Lulju 2003; tat-8 ta' Ottubru 2003; tat-12 ta' Jannar 2004; u tal-24 ta' Frar 2004 fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi prezenti u Dr. Graziella Bezzina

ghall-konvenut u Dr.Louis Bianchi ghas-socjeta` intervenuta. Xehdet **Marisa Vella**. Il-Qorti, fuq talba tal-konvenut u a spejjes ta' l-istess, innominat l-Assistent Gudizzjarju li jmissu t-*turn* (Dr. Anthony Ellul) biex jisma' x-xhieda ta' Graziella Vella. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' April 2004 ghall-provi konvenuti; tas-6 ta' April 2004; tas-26 ta' Mejju 2004; tat-8 ta' Lulju 2004 fejn dehret Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut u Dr. Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza u fejn il-Qorti diversament ippresjeduta nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa seduta wahda ghas-smiegh tax-xhud Graziella Vella. Il-kawza giet differtia ghas-6 ta' Ottubru 2004; tas-6 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fid-29 ta' Settmbru 2004 fejn xehdet **Graziella Vella.**

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta' Novembru 2004 fejn deher il-konvenut assistit minn Dr. Graziella Bezzina u l-attur assistit minn Dr. Noel Camilleri u Dr.Louis Bianchi ghal intervenut fil-kawza. Xehed **Emmanuel Galea** prodott mill-atturi in kontro-ezami. Il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Jannar 2005 ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur; tad-19 ta' Jannar 2005 fejn dehret Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr. Barbara O'Brian u talbet estensjoni ta' zmien ghall-prezentata tan-nota. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghat-22 ta' Marzu 2005 ghal dan l-iskop; tat-22 ta' Marzu 2005; u tas-27 ta' Mejju 2005.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi datata 10 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-14 ta' Ottubru 2005 fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi u Dr. Graziella Bezzina ghall-

konvenut. Dr.Bezzina irtirat *seduta stante* kopja tan-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-atturi. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Dicembru 2005 ghall-prezentata tan-nota responsiva tal-konvenut u ta’ l-intervenut fil-kawza; u tal-14 ta’ Dicembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta tas-27 ta’ Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Marzu 2006, u l-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2006 fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi, bl-attur prezenti. Dehru ukoll Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut u Dr. Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza. Dr. Graziella Bezzina pprezentat nota ta’ osservazzjonijiet b’kopja lill-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Mejju 2006 ghall-finali trattazzjoni; u tas-16 ta’ Mejju 2006 fejn deher Dr. Noel Camilleri ghall-atturi bl-attur Paul Muscat prezenti, Dr. Louis Bianchi ghall-intervenut fil-kawza u Dr. Graziella Bezzina ghall-konvenut. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz u qabblu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) MERTU TAL-KAWZA ODJERNA.

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Lulju 1995 f’Zebbiegh Road, Mgarr meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura konsistenti fi trakk tad-ditta Leyland Reg. Numru S - 3638 laqat lill-minuri Justin Muscat waqt li dan kien qieghed jaqsam it-triq.

B'konsegwenza ta' dan l-incident il-minuri garrab griehi ta' natura gravi.

Illi l-atturi qed isostnu li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut. Min-naha l-ohra l-konvenut jichad li huwa kien responsabbli ghal dan l-incident minhabba li huwa jallega li l-minuri Justin Muscat hariglu minn wara van u qasam it-triq minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet u kien proprju dan li kkawza l-incident in kwistjoni.

**(II)** **PROVI PRODOTTI.**

Illi f'din il-kawza xehdu diversi nies. Dr. Maria Sciberras xehdet dwar it-trattament li rcieva l-minuri meta ddahhal l-isptar. Il-genituri tal-minuri Paul u Victoria Muscat xehdu dwar kif saru jafu li t-tifel kellu incident u dwar il-griehi li garrab. Xehed ukoll Angelo Camilleri li kien id-*driver* tal-*minibus* (Reg, Numru: Y - 2225) li wassal lit-tfal fosthom lil Justin Muscat mill-Iskola Primarja ta' l-Imgarr lura d-dar taghhom. Meta wassal lil Justin ftit kien fadallu tfal fil-van. Huwa xehed hekk:-

*"Illi jiena waqaft fuq is-side tieghi u cioe' bil-van ihares lejn l-Imgarr. Jien waqaft xi zewg piedi 'l boghod mill-hajt ta' l-ghelieqi, kemm tinfetah il-bieba tal-van. It-tfal nizlu mill-van u qaghdu ma' dan il-hajt."*

*"Illi hekk kif nizlu t-tfal jiena mort biex naqla' bil-vann. Minn warajja jigifieri min-naha tieghi rajt li t-triq kienet clear. Dan ikkonfermajtu billi dort u harist minn mal-genb tieghi u wkoll permezz tal-mirja. Jien wkoll innutajt li mill-faccata tieghi ma kien gej hadd. Jien tajt il-first gear lil van biex nohrog u ftit sekondi wara tajtu s-second. Dak il-hin it-tfal kienu ghadhom fejn il-hajt ta' l-ghelieqi u kienu ghadhom ma bdewx jaqsmu t-triq."*

Illi huwa kompla li kif mexa ftit distanza ra truck kbir bil-kaxxa gej isuq mghaggel min-naha tal-faccata tieghu u cioe' mid-direzzjoni ta' l-Imgarr lejn il-Mosta. Dan tfacca f'daqqa wahda ghaliex huwa kien ghadu kemm ra t-triq *clear* minn faccata. Huwa sostna li huwa hareg idu biex jigbed l-attenzjoni tas-sewwieq tat-truck biex inaqqas l-

i*speed*. It-*truck* ghaddieh mill-ewwel u sema' hoss kbir. Ix-xhud ra lit-truck mahbut go arblu tad-dawl fuq in-naha tax-xellug tat-triq meta wiehed ihares lejn il-Mosta fejn hemm id-djar. Ma' dik in-naha tat-triq kien hemm il-karozzi pparkjati. Meta nizel huwa xehed li ra lit-tfal li kienu ghadhom kif nizlu mal-hajt fejn nizlu pero' lil tifel minnhom rah fl-art. Dan kien mixhut fuq in-naha fejn kien qed isuq huwa 'l gewwa mid-*double line* li jaqsam it-tul kollu tat-triq.

Illi s-Supretendent Bartolomew Mula esebixxa l-okkorrenza tal-incident in kwistjoni. Dr. Yana Micallef Stafrace li kienet espert tat-traffiku imqabbda mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli fl-Inkjesta Magisterjali pprezentat kopja tal-Inkjesta u l-atti kollha relattivi (Dok. "JM1" minn fol.101 sa' fol. 153 tal-process) u fil-fatt ikkonfermat ir-rapport minnha redatt bil-gurament.

Illi fix-xhieda tieghu Joseph Galea, li joqghod vicin fejn sar l-incident, fost affarijiet ohra, xehed li meta hareg mid-dar wara li sema' *brake* u ra li t-tifel involut f'dan l-incident kien mixhut ma' l-art vicin ir-rota ta' wara tal-vann b'rasu lejn id-direzzjoni tar-rota u saqajh lejn id-direzzjoni tal-linja tan-nofs tat-triq hdejn il-*line.*

Illi l-minuri Justin Muscat xehed li dakinhar tal-incident il-vann waqfu f'post mhux tas-soltu fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn is-soltu jwaqqfu. Fil-fatt jghid li s-soltu tal-vann kien iwaqqfu fuq bankina tan-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk ma kienx ikollu ghalfejn jaqsam it-triq. Meta nizel mill-vann huwa xehed li hareg naqra 'l barra minn wara l-vann li wasslu. Jghid li mexa zewg passi. It-trakk kien gej mill-faccata tal-vann. Huwa qal li hares. Mistoqsi jekk meta hares huwa rax it-trakk gej qal li dak il-hin ma tantx rah ghax kien sejjer ghal fuqu. Huwa ra t-trakk biss mad-daqqa.

Illi huwa cahad li dak li kien qed jigi ssugeriet lilu li dakinhar it-tifla Graziella Vella ma qasmitx mieghu ghax ohtha Marisa Vella qaltilha min-naha l-ohra tat-triq biex ma taqsamx ghaliex kien gej it-traffiku. Huwa jghid li hares biss fuq naha wahda u cjoe' f'direzzjoni wahda minn fejn

kien gej it-trakk. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienx hemm xi haga li timpedieh jew twaqqfu milli jara t-trakk u jekk setax jara t-triq sewwa u li fit-triq kien hemm it-truck u ma setax jara izjed huwa rrisponda fl-affermattiv. Huwa ma semax it-trakk gej qabel ma beda hiereg minn wara l-vann. Mistoqsi jekk qabel ma beda hiereg minn wara l-vann harigx rasu ftit biex jara kienx gej xi haga rrisponda li le. Huwa xehed li mhux cert li meta mar biex jaqsam it-triq kienx qed jimxi jew jigri. Dakinhar ta’ l-incident kellu jmur jistennieh in-nannu fejn il-bieb izda meta nizel mill-vann dan ma kienx hemm. Illi minn wara l-incident huwa baqa’ tiela’ l-iskola normali pero’ huwa ghandu jghinu *facilitator*.

Illi xehed ukoll **Emmanuel Caruana.** Huwa xehed li kien fil-*passenger seat* tat-truck. Kienu nezlin mill-Imgarr lejn il-Mosta. Fit-triq dakinhar ma kien hemm xejn x’ifixkilhom u *traffic* quddiemhom ma kienx hemm. Huwa xehed li ra l-minibus. Din kienet tiela’ lejn l-Imgarr cioe’ fid-direzzjoni opposta tat-truck. Meta raha pero’ kienet ipparkjata ghax kien qed inizzel it-tfal. Ix-xhud ra xi ftit tfal bil-wieqfa ghax kienu nezlin. It-tfal huma ma rawhomx peress li kienu zghar u kienu mghottijin bil-minibus. Ir-rota ta’ quddiem giet ezatt ma’ denb il-vann u f’daqqa wahda hareg it-tifel u habat mar-rota u t-truck tilef il-kontroll ghax qabadlu l-baskett tat-tifel mar-rota.

Illi l-minibus rawh izda baqghu nezlin b’mod normali. Ix-xhud qal li huwa ma rax lit-tfal nezlin izda rahom biss bil-wieqfa. Huma raw it-tfal bil-wieqfa kif gew ezatt mal-vann. In kontro-ezami xehed li ghalkemm ra xi tfal bil-wieqfa biex jinzlu huwa ma rax kemm fil-fatt nizlu. Lanqas ma ra t-tfal jaqsmu. Meta qasam it-tifel il-vann kienu skorrewh pero’ lit-tifel ma rawhx. Huwa xehed li kienu mexjin b’velocita’ baxxa.

Illi xehed ukoll Joseph Zammit li kien espert mekkaniku fl-atti ta’ l-inkjesta magisterjali u assista lill-espert tat-traffiku hemm nominata Dr. Yana Micallef Stafrace fl-inkjesta relattiva li saret. Huwa ezamina t-trakk in kwistjoni. Jghid li t-tifel intlaqat bir-rota ta’ wara tax-xellug precizament bid-*double wheel*. Rigward it-*tyres* xehed li ghalkemm dawn ma kienux godda imma kienu f’kundizzjoni li jistghu

jintuzaw. It-*tyres* ta' quddiem kienu ftit lixxi izda ta' wara fejn hemm id-*double wheel* kienu kwazi godda. In kontro-ezami meta mistoqsi kif jaffettwa l-andament tal-vettura l-fatt li t-*tyres* kienu lixxi spjega li l-izjed li jaffettwaw meta t-triq tkun imxarrba. Fid-data ta' l-incident it-triq ma kienitx imxarrba. Dwar velocita' x-xhud qal li meta tqis id-daqqa li l-vettura hadet mal-arblu ma kienx hemm indikazzjoni ta' *speed* eccessiv jew esegerat ghax kieku kien ikun hemm izjed hsara anke fl-istess trakk innifsu.

Illi l-Perit Richard Aquilina, li kien inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti, ikkonferma r-rapport tieghu. Xehdu wkoll P.S. 964 Robert Scicluna u Dr. Mario sive Maurice Falzon, dan ta' l-ahhar anestesista li dakinhar ta' l-incident inzerta kien ghaddej minn dawk in-nahat u li waqaf biex jaghti l-ghajnuna lill-istess tifel.

Illi l-konvenut xehed li dakinhar tal-incident kien hiereg lejn il-barra miz-Zebbiegh sejjer lejn id-direzzjoni tal-Mosta. Kien fuq in-naha tax-xellug tat-triq u kien hemm xi karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk huwa kellu jaqla naqra 'l barra pero' dejjem zamm fuq in-naha tieghu tat-triq il-gewwa min-nofs tat-triq. It-truck kien mghobbi. Huwa ra minibus, qiesu tul ta' ghaxar piedi l-boghod minnu, maqlugh 'il barra sew mill-bankina tan-naha opposta tad-direzzjoni li fiha kien gej huwa. Dan tal-*minibus* ghalhekk kien tiela' 'l fuq lejn iz-Zebbiegh. Ra li l-*minibus* bdiet taqla' bil-mod u f'daqqa wahda hargu tlett itfal jigru minn wara l-istess vann u huwa sabhom ma' wiccu. B'hekk tilef il-kontroll u kiser ghan-naha ta' l-arblu tad-dawl. Huwa ghafas il-*brakes* pero' it-tralk baqa' jkaxkru. Huwa spjega li zewgt itfal minnhom waqfu filwaqt li t-tifel li kien qed jaghmel din il-kawza qasam wahdu.

Illi in kontro-ezami qal li t-triq li kien qed isuq fiha hija triq dritta u li tista' tara fit-tul. Il-minibus kien qiesu distanza ta' xi ghaxar (10) piedi il-boghod minnu l-ewwel darba li rah. Tfal ma rax. Huwa kien fuq n-naha tieghu tat-triq u miexi b'mod normali. It-tfal hargu f'daqqa wahda minn wara l-minibus fil-waqt li l-vann kien beda miexi 'l fuq. Huwa cahad li f'xi hin kien hemm xi hadd li ghamillu sinjal biex inaqqas l-i*speed*. Innega b'mod kategoriku li kien qed isuq

b'velocita' ghax meta trakk ikun mghobbi minnu nnifsu se jitrazzan l-i*speed* tieghu. Huwa spjega li l-ewwel laqat lit-tifel imbaghad ghafas il-*brake*. Huwa lit-tfal ma rahomx hergin minn wara l-minibus. Iz-zewgt it-tfal l-ohra qasmu t-triq biss wara l-habta.

Illi Marisa Vella fiz-zmien ta' l-incident kellha biss tmien (8) snin. Dakinhar hija kellha struzzjonijiet mill-genituri taghha li tistenna lil ohtha meta din tigi mill-iskola bil-vann. Ikkonfermat li s-soltu l-vann inizzel lit-tfal fejn hemm bankina u cjoe' fuq in-naha l-ohra tat-triq.  Hija infatti kienet fuq il-bankina. Izda l-vann din id-darba waqaf faccata taghha, u kien biss meta dan beda jsuq li mbaghad hija  setghet tara lit-tfal. Il-vann ma tantx lehaq mexa hafna meta sar l-incident. It-trakk kien gej min-naha l-ohra. Hija tghid li ghall-ewwel indikat lit-tfal li kienu nizzlu mill-vann biex jaqsmu izda imbaghad qaltilhom biex jistennew. Hija spjegat li meta qaltilhom biex jaqsmu ma kien hemm xejn fit-triq izda imbaghad rat it-trakk gej lejhom u ghalhekk qaltilhom biex jistennew. It-truck hija ratu mill-boghod. Fit-triq hemm daqsxejn ta' telgha. Meta qaltilhom biex jieqfu ohtha u tifel iehor waqfu izda l-minuri Justin ma waqafx. Minghalija li regghet qaltlu wkoll biex jieqaf u izda sar l'impatt u rat it-tralk jahbat fl-ahharnett f'arblu quddiemha.

Illi in kontro-ezami giet mistoqsija kemm ghadda hin bejn l-ewwel darba li qalet lil ohtha u shabha biex jieqfu u x'hin wasal it-trakk qalet li ma tantx kien hemm hin.

Illi xehdet ukoll Graziella Vella li kienet fuq il-vann ukoll dakinhar tal-incident u kellha hames (5) snin. Ikkonfermat li kienet l-ewwel darba li l-vann waqqafhom f'dak il-post. Kienu niezlu mill-van hija, Justin u Melanie. Ohtha Marisa kienet faccata.  Meta nizlu mill-vann, il-vann beda jimxi. Huma kienu bdew jimxu ghan-naha ta' quddiem tal-vann. Meta kienu nizzlu mill-vann ohtha qaltilhom biex jaqsmu. Justin kien miexi qabilha. Meta bdew jaqsmu ohtha qaltilhom biex jieqfu peress li kien gej trakk. Ix-xhud kienet ratu gej it-trakk izda Justin ma waqafx, baqa' ghaddej.

**(III)** **<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi fis-sentenza **"Il-Pulizija vs Dockyard PC 347 Carmel Mifsud"** (App. Krim. – 26 ta' Gunju 1954) inghad li meta ma kienx hemm regolamenti li jiddixplinaw il-*pedestrians* intqal li l-*pedestrian* li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-*driver* juza' d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement; u d-*driver* ghandu jkun ritenut responsabbli, jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu fil-posizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian.* Il-kaz li fih id-*driver* jista' jkun ezentat mir-responsabbilta' hu dak biss li fih il-*pedestrian,* b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-*driver* f'pozizzjoni li, anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Micallef vs Joseph Sammut"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) gie ritenut:-

*"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances (Gibb para 127)."*

Illi relevanti wkoll dak li inghad fis-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) gie riaffermat il-principju li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*

Illi dwar id-difiza tas-*sudden emergency* ma tistax tigi sollevata b'success meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-*driver,* ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b'dik li tissejjah *self-created incapacity* in kwantu li ma setax izomm *a tempo, stante* li kien miexi bi

*speed* zejjed (*vide* **"Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera",** 13 ta' Dicembru 1958)

Illi imbaghad fis-sentenza **"Antonella Tonna vs Roderick Gauci et"** (P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru 2004 - Cit. Nru : 2025/00/GV) intqal hekk :-

*"Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157)".*

*"M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" (App. Civ. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15)".*

Illi fis-sentenza ohra ricenti fl-ismijiet **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) inghad ukoll li:-

*"Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza' l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk :-*

*'20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.'*

*"Il-**pedestrian** suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' **pedestrian** huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura d-driver ikun kellu possibilita' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta'*

*distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **"Micallef George noe vs Camenzuli Gordon"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997."*

Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus"** (A.C. 7 ta' Ottubru 2005 - App. Civ 1417/96) gie osservat:-

*"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…" 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karregjata."*

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieq inghad fis-sentenza gja citata **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) gie kkonfermat li:-

*"Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita' eccessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment is-sewwieq jiehu azzjoni relattiva – u cioe' jaghfas il-brake meta jirrejalizza bil-presenza ta' persuna ohra quddiemu. Ghandu l-obbligu li jkollu dwal bizzejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita' moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mill-ligi dwar velocita' u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qieghed isuq vicin ta' xi skola, knisja, jew playing field. [Ara f'dan is-sens **"George Micallef pro et noe v Gordon Camenzuli"** deciza 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.]"*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti rrizulta b'mod car u bla ebda dubju li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident *de quo stante* li l-minuri Justin Muscat hariglu minn wara van u qasam it-triq bl-addocc u dan fis-sens li l-istess tifel ttenta jaqsam it-triq bla ma ha l-ebda prekawzjoni ta' xejn sabiex jesplora t-triq u dan apparti li hareg minn wara van u b'hekk id-dehra u l-persuna tieghu kienet qed tigi mohbija u moghttija ghal dak li kien *on coming traffic* li kien gej mid-direzzjoni opposta.

Illi fil-fatt l-minuri nnifsu fix-xhieda tieghu qal li wara li nizel mill-*minibus* hareg naqra 'l barra minn wara l-van u mexa zewg passi b'mod li espona ruhu ghat-traffiku li kien qed gej fit-triq u jidher li dan l-istess tifel ghamlu minghajr ebda hsieb ta' xejn, u bla ma esplora t-triq u tenut kont ta' l-eta' zghira ta' l-istess tifel, dan ma huwa xejn soprendenti. It-trakk misjuq mill-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta u minkejja dan l-istess minuri meta mistoqsi jekk qabel ma beda hiereg minn wara l-van harigx rasu ftit biex jara kienx gej xi haga huwa rrisponda li ma ghamel xejn minn dan u dan apparti li qatt ma kellu jaqsam minn wara van jew karozza u certament il-mod li bih ghazel li jaqsam it-triq kien kompletament zbaljat u negligenti.

Illi wahda mill-minuri, Graziella Vella, li kienet nizlet mill-van bhal Justin Muscat xehdet ukoll li faccata ta' fejn nizzlu huma kien hemm ohtha qed tistenniha. Ohtha, Marisa Vella, qaltilhom l-ewwel biex jaqsmu izda imbaghad wissiethom biex jieqfu peress li kien gej it-trakk. L-istess xhud qalet li hi kienet ratu gej it-trakk izda Justin Muscat baqa' ghaddej u ma waqafx. L-istess Marisa Vella wkoll ikkonfermat li meta qalet lit-tfal biex ma jaqsmux Justin Muscat ma waqafx. Dan ifisser li t-trakk kien vizibbli ghal min kien qed jesplora t-triq qabel ma jaqsam l-istess izda l-minuri naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji u mix-xhieda tieghu jidher bl-iktar mod car li huwa ma ghamel xejn sabiex jesplora sew it-triq qabel ma' jaqsam, izda minghajr ma hares min kien qed juza' t-triq qabad u qasam u dan ukoll b'wiehed mill-iktar modi perikoluzi, u cjoe' meta ghazel li johrog minn wara van jew minibus.

Illi Emmanuel Caruana, li kien fil-*passenger seat* tat-trakk misjuq mill-konvenut dakinhar ta' l-incident xehed li ra l-*minibus* ipparkjata. Ra t-tfal bil-wieqfa fil-van biex jinzlu izda dan rahom kif ezatt waslu mal-van. Illi l-istess konvenut xehed li minhabba li kien hemm il-karozzi pparkjati huwa kellu jaqla' ftit 'il barra pero' dejjem zamm fuq in-naha tieghu tat-triq u qatt ma' qabez nofs tat-triq. Il-*minibus* ra tul ta' ghaxar piedi 'l boghod minnu u kien f'daqqa wahda li hargu tlett itfal jigru minn wara l-van u huwa sabhom ma' wiccu u kien b'hekk li tilef il-kontroll u spicca anke mahbut ma' l-arblu. Ikkonferma li kien Justin Muscat biss li qasam minn wara l-vann ghax l-ohrajn waqfu.

Illi l-versjoni tal-konvenut hija wahda kredibbli u fil-fatt hija mhux biss verosimili, izda wkoll korroborata mix-xhieda prodotti, inkluz l-passiggier li kien hemm mieghu u wkoll it-tfal li nizzlu mill-van flimkien mat-tifel, li sfortunatement kien involut ukoll f'dan l-incident.

Illi fil-fatt jinghad wkoll li kieku l-istess minuri qaghad attent bhala *pedestrian* kien ikun konxju ta' dak li  kellu jaghmel, u apparti li qatt ma kellu jaqsam it-triq billi johrog minn wara karozza ohra, certament kellu l-opportunita' kollha li jekk jesplora it-triq sew setgha jaqsam l-istess minghajr ebda perikolu ghalih u ghall-utenti l-ohra ta' l-istess triq, u dan dejjem izda izjed f'dan il-kaz, fejn it-triq li fiha sehh l-incident ghandha vizwali tajba.

Illi minflok jirrizulta mill-provi li l-minuri ghazel li jaqsam l-istess triq u b'hekk pogga lilu nnifsu f'perikolu billi bla ma' haseb hareg minn wara *minibus*, manuvra li certament li tahsad lill-utenti ta' l-istess triq li jkunu gejjin lejn id-direzzjoni tieghu, u ovvjament li l-persuna tieghu tkun mohbija bil-vettura li jkun hareg minn warajja, u dan iktar u iktar fil-kaz tat-tfal minhabba t-tul taghhom. Dan huwa kaz fejn *pedestrian* minhabba li johrog minn wara karozza ohra johloq perikolu imminenti u serju fil-konfront ta' sewwieq ta' vettura gejja ghal dik id-direzzjoni, proprju ghaliex *"suddenly and unexpectedly he darts in front of the car"* (**Gibb – Trial of Motor Car Accidents Cases –**

para 56; **"Il-Pulizija vs l-Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain"** (A. K. (WH) – 13 ta' Jannar 1962).

Illi ma hemm l-ebda dubju li taht dan l-aspett l-istess minuri ma wzax il-prekawzjonijiet necessarji. Gie ppruvat ukoll li d-*driver* tat-trakk kien fuq in-naha tieghu tat-triq u li kien qed isuq b'velocita' normali u ma kien hemm ebda sewqan eccessiv. Infatti l-espert Joseph Zammit xehed li meta tqis id-daqqa li l-vettura hadet mal-arblu ma kienx hemm *speed* esagerat ghax kieku kien hekk, kien ikun hemm izjed hsara. Illi ghalhekk ix-xhieda tad-*driver* tal-*minibus,* Angelo Camilleri, mhiex wahda kredibbli specjalmnt meta bil-mod kif xehed ried jaghti x'jifhem li l-konvenut kien qed isuq b'mod eccessiv – dan huwa iktar serju meta jidher li l-istess sewwieq jidher li waqqaf lit-tfal fuq in-naha opposta tat-triq fejn kien iwaqqafhom is-soltu, fejn kieku sar hekk l-istess tfal ma kienx hemm bzonn li jaqsmu t-triq u jidher li huwa kull ma ghamel kien biss li nizzel lit-tfal fejn ried u dehrlu huwa u mill-ewwel saq minghajr ma ha l-ebda prekawzjoni ta' xejn dwar l-istess tfal. Certament din il-Qorti thoss li dan ma kienx agir responsabbli *da parte* tas-sewwieq tal-*minibus*.

Illi rigward il-kwistjoni tat-*tyres* lixxi tat-*truck*, l-espert Joseph Zammit xehed li ghalkemm dawn ma kienux godda imma kienu f'kundizzjoni li jistghu jintuzaw. *Inoltre'* dan il-fatt l-izjed li jaffettwa huwa meta t-triq tkun imxarrba li ma kienx il-kaz fil-hin tas-sinistru u fuq kollox minn imkien ma jidher li s-sewqan tal-konvenut jew inkella l-istat tal-vettura tieghu kienu b'xi mod il-kawza ta' dan l-incident; fil-fatt l-provi kollha juru, u dan inkluz ix-xhieda ta' l-istess minuri li kien in-nuqqas ta' l-istess minuri bil-mod tieghu li huwa hareg minn wara l-*minibus* minghajr ma esplora t-triq bl-ebda mod li kien il-kawza prossima ta' l-incident u dan jidher ammess mill-istess minuri nnifsu li ammetta li qabel l-incident huwa ma ra xejn u *in verita'* lanqas setgha jara ghaliex bl-ebda mod ma esplora t-triq.

Illi huwa minnu li fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Joseph Thornton"** (App. Krim. – 18 ta' Marzu 1961) intqal li *driver* ta' vettura tal-mutur ghandu d-dover li jistenna li fi trieqtu jistghu jinzertaw nies li, minhabba l-eta'

taghhom, jew ghal xi raguni ohra, ma jkollhomx la dik ic-celerita' ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-isveltezza ta' movimenti, li jehtieglu c-cirkustanzi mprovvizi. Illi pero' dik l-istess Qorti kompliet u dan huwa ferm rilevanti ghall-kaz in kwistjoni:-

*"Jekk il-pedestrian ma jaghmel ebda att li bih iqieghed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli, bhal meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat u johloq emergenza subitanea, id-driver ma jistax jallega b'difiza tieghu, jekk jigi f'kollizjoni ma' dak il-pedestrian, il-fatt li dan kien fil-karreggjata."*

Illi f'dan il-kaz ma hemm ebda dubju li l-istess tifel bl-azzjoni bla hsieb tieghu, anke ta' tifel li huwa, pogga bil-mod kif inghad lill-konvenut f'posizzjoni mpossibbli li jevita s-sinistru, ghal-liema incident il-provi kollha juru li kien biss l-istess minuri attur li kien il-kawza prossima tieghu; dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-okkorrenza fejn il-konvenut mill-ewwel qal lill-ufficjal tal-pulizija li investiga l-incident li:-

*"Meta gie mitkellem Emanuel Galea stqarr li waqt li kien gej bit-truck S – 3638 miz-Zebbiegh lejn il-Mosta kif wasal hdejn il-Minibus Y – 2225, qasam f'daqqa Justin Muscat applika l-brejk tajjar lit-tifel u spicca ma' l'arblu tad-dawl".*

*"Din il-versjoni giet ikkorroborata minn Graziella Vella ta' 8 snin ta' Plot 50, Triq Zebbiegh, Mgarr".*

Illi l-konkluzjonijiet ta' din s-sentenza huma l-istess bhal dawk raggunti mill-espert tat-traffiku fir-rapport taghha fl-inkjesta magisterjali li inzammet kawza ta' l-istess incident fejn bhala fatt ikkonfermat ukoll dak li rrizulta lil din il-Qorti li l-imsemmi tifel hareg minn wara l-van minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji u fil-fatt tghid hekk:-

*'Jintqal li stante li qasam minn wara l-van li minnu kien nizel, l-vizjoni ta' Galea kienet ostakolata u hu verosimili li t-tifel ma jarahx. Inoltre jirrizulta li t-truck kien fuq in-naha tieghu tat-triq meta sehh l-incident (xhieda Galea,*

*Caruana, brakemarks) u b'hekk mhux kwistjoni ta' invazzjoni ta' karreggiata opposta li kkawzat l-incident".*

*'Zgur li mhux prudenti li tifel ta' dik l-eta' jaqsam, ma' tfal ohra daqsu, triq traffikuza bhal Triq Zebbiegh. Din mhux triq li t-tfal jaqsmu bla supervizzjoni."*

*"Fil-fatt, li suppost ghamel Justin hu li l-ewwel jistenna li l-vann jitlaq minn fuq il-post (haga li ma ghamilx) sabiex ikun jista' jara sew u jarawh sew, u mbaghad jaqsam".*

Illi Emanuel Caruana passigier fit-trakk mal-konvenut qal hekk:-

*"U ahna nzertajna li kif inzilna, kif kienu nezlin it-tfal ahna ma rajniehomx it-tfal peress li kienu zghar it-tfal, bil-minibus kienu mghottijin, qed tifhem, u kif gejna ezatt, ir-rota ta' quddiem nezlin l-isfel, gejna ezatt ma' genb il-van, biex niftehmu, qed tifhem, u f'daqqa wahda hareg dan il-miskin tifel hux, ghax hames snin dak iz-zmien jigiefieri u habat mar-rota ….".*

Illi ssir fl-ahharnett riferenza ghax-xhieda ta' Marisa Vella fejn ikkonfermat li fl-ewwel lok mhux soltu li l-minibus tieqaf fuq dik in-naha tat-triq ghaliex b'hekk it-tfal kellhom bil-fors jaqsmu t-triq ukoll, u fit-tieni lok ikkonfermat li meta rat t-trakk gej qalet lit-tfal biex ma jaqsmux, izda l-attur minuri baqa' xorta hiereg minn wara l-van, probabbli wkoll ghaliex ghall-ewwel l-istess xhud kienet qaltlu biex jaqsam u allura dan l-imsejken tifel bl-ebda mod ma kien inkontrol tas-sitwazzjoni u wisq inqas esplora t-triq qabel ma' qasam it-triq. Certament li tifel ta' dik l-eta' qatt ma kellu jithalla wahdu f'dik is-sitwazzjoni u certament kellu jkollu min jiehu hsiebu u dan kellu jkun persuna adulta u mhux minuri.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenzi **"Joseph Micallef et vs Joseph Sammut et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Jannar 2001) u **"Carmen Schembri et nomine vs Doriane Zerafa"** (P.A. (RCP) - 12 ta' Lulju 2001) fejn gie osservat li huwa ovvju li f'dawn ic-cirkostanzi l-attur naqas milli josserva dak li

hemm indikat f'pararafu 20 tal-*Highway Code* li jipprovdi li wiehed ghandu jiehu *"extra care if your view is restricted by parked or stationary vehicles or by other obstructions".*

Illi huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 - Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principji li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza"* (Vol.XXXIX - iv.1031).

Illi ta' l-istess portata ghal dawk li huma l-obbligi tal-pedestrian huma s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' Appell fl-ismijiet **"Joseph Mifsud proprju et nomine et vs Tania Craus"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 2005) u dik ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Joseph Bonnici et nomine et vs Noel Formosa et"** (P.A. (NC) 25 ta' Mejju 2004).

Illi ghalhekk t-talba u l-azzjoni attrici qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ta' l-intervenut fil-kawza, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn indikati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi fil-kwalita' taghhom premessa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------